**11 ta' Marzu, 1963**

**Imħallfin :—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelina Fernandez

*versus*

Publio Pace ne.

**Separazzjoni Personali — Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Sentenza — Eżekuzzjoni Tagħha f'dawn il-Gżejjer — Inskrizzjoni fir-Reġistru Publiku — Obligazzjoni — Żwieġ — Art. 743(g) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Fost każijiet oħra, il-Qrati Tagħna għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċidu kawżi istitwiti kontra kwalunkwe persuna għar-rigward ta' kwalunkwe obligazzjoni kontratta mill-konvenut favur wieħed mis-sudditi tal-Maestà Tagħha r-Reġina, jekk is-sentenza eventwalment ottenuta tkun tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer.*

*In kwantu għall-kelma "obligazzjoni", din ma tirriferixxix biss għall-obligazzjonijiet konvenzjonalment assunti b'kuntratt, iżda tikkomprendi kull xorta ta' obligazzjoni, anki jekk naxxenti direttament mill-liġi; u hekk tinkludi s-somma ta' dmirijiet u drittijiet li jinħolqu bejn il-partijiet u quddiem id-dinja bis-saħħa taż-żwieġ; ma teskludix ir-rapporti ta' natura ċivili li jitnisslu bis-saħħa taż-żwieġ skond il-liġi. Hekk, jista' jkun hemm ġurisdizzjoni anki jekk l-azzjoni għandha bħala skop, mhux l-adempiment favur l-attriċi (f'kawża ta' separazzjoni personali istitwita mill-mara) ta' obligazzjonijiet kontratti versu lejha minn żewġha, imma anki ċ-ċaħda lill-parti l-oħra (żewġha) ta' drittijiet li dan għandu kontra l-attriċi derivanti mill-obligazzjonijiet reċiproċi li jidderivaw miż-żwieġ.*

*Kwantu għall-possibbiltà ta' eżekuzzjoni tas-sentenza f'dawn il-Gżejjer, ma hux neċessarjament meħtieġ li l-konvenut ikollu proprjetà hawn Malta li fuqha s-sentenza tista' tiġi eżegwita, u l-eżekuzzjoni fuq il-proprjetà tal-konvenut mhix l-uniku mod ta' eżegwibbiltà tas-sentenza kontemplata*

*mid-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi. Il-liġi ma tirrikjedix illi, biex is-sentenza tkun eżegwibbli f'dawn il-Gżejjer, hemm bżonn li jkun hawn proprjetà tal-konvenut hawn Malta. Xi sentenzi huma kapaċi ta' eżekuzzjoni fi grad akbar minn oħrajn; fil-waqt li sentenzi oħrajn ma huma kapaċi ta' ebda vera eżekuzzjoni; u kull każ għandu jiġi studjat u deċiż fiċ-ċirkustanzi partikulari tiegħu.*

*Hekk, kawża ta' separazzjoni personali taqa' taħt il-kompetenza ġurisdizzjonali tat-tribunali lokali meta l-parti attriċi hi suddita tal-Maestà Tagħha r-Reġina, avvolja l-parti l-oħra hi domiċiljata barra minn Malta u assenti minn dawn il-Gżejjer, u ma jkollha ebda xorta ta' beni f'Malta; dan, però, mhux għax is-sentenza tas-separazzjoni personali tkun tista' tiġi nskritta fir-Reġistru Publiku, imma għaliex l-effetti ċivili tas-separazzjoni, reali u konkreti, huma realizzabbli hawn Malta, u n-nuqqas tal-eżistenza ta' beni tal-konvenut f'dawn il-Gżejjer hija irrilevanti u mhux neċessarja għal din l-eżekuzzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi wara li ppremettiet illi l-imsemmi żewġha Edoardo Fernandez għal aktar minn sentejn abbanduna lilha u lit-tliet uliedha minuri, ċjoè Giovanni ta' 16 il-sena, u Anna Maria u Franca Pia tewmin ta' tmien snin u nofs, u dan mingħajr raġuni tajba; talbet illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u l-konvenut Edoardo Fernandez, u hi tiġi awtorizzata tgħix separata minn żewġha; (2) l-istess konvenut nomine jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu applikabbli għall-każ; (3) tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti; (4) u l-kura tal-imsemmija minuri Giovanni, Anna Maria u Franca Pia, aħwa Fernandez, tiġi affidata lilha. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla, kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Diċembru 1962, li biha ddikjarat illi din il-kawża mhix ta' kompetenza ġurisdizzjonali tagħha; bl-ispejjeż kontra l-attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi mid-depożizzjoni tal-attriċi u dokumenti minnha prodotti jirriżulta li hi żżewġet hawn Malta lil Edoardo Fernandez fil-5 ta' Awissu 1945; li dan Edoardo Fernandez twieled fl-Italja, fejn huwa wkoll domiċiljat; li wara xi sitt xhur miż-żwieġ l-istess Edoardo Fernandez irritorna fl-Italia, mbgħad beda jiġi hawn Malta u jerġa jmur l-Italja, ċjoè ġie hawn Malta xi tliet darbiet, kull darba kien idum hawn Malta xi xahrejn; li l-aħħar darba li telaq minn Malta kien xi disgħa snin ilu, u minn dak iż-żmien ma ġiex aktar hawn Malta; li miż-żwieġ imsemmi twieldu, ukoll hawn Malta, tliet itfal, John fit-13 ta' Marzu 1946, u Anna Maria u Franca Pia, tewmin, fl-14 ta' Settembru 1953; li xi sebgħa snin ilu żewġha kien kitbilha ittra, u biha bagħat jgħidilha li kien sejjer Franza, u qalilha li, jekk kienet trid tmur miegħu bit-tfal, tgħidlu, u hu jgħidilha l-indirizz, imma hi ma rrispondietux; li minbarra din l-aħħar ittra l-attriċi qatt ma rċeviet oħrajn minn għand żewġha; li f'dawn iż-żbatax il-sena u nofs taż-żwieġ l-imsemmi Edoardo Fernandez qatt ma ta manteniment lill-attriċi, għaliha u għal uliedha, lanqas fl-okkażjoni meta kien ikun hawn Malta, u hu kien qal lill-attriċi illi, jekk l-awtoritajiet lokali kienu jippermettulu, hu jiġi Malta, però mhux għal kollox; l-imsemmi Edoardo Fernandez joqgħod l-Italja, f'Napli, huwa sudditu taljan, u ma għandu ebda proprjetà hawn Malta;

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u għalhekk tissolleva "ex officio" l-eċċezzjoni analoga, kif għandha s-setgħa li tagħmel skond l-art. 775(a) tal-Kap. 15, konformement, dwar daqshekk, għall-insenjament tal-ġurisprudenza nostrali (Vol. X 449; XVII-III-60). Infatti, skond l-art. 743 tal-istess Kap. 15, bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, din il-Qorti għandha, mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċidi l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni msemmijin kontra l-ittri mill-(a) sal-(g) inkluživament fl-istess disposizzjoni tal-liġi. Issa, l-imsemmi Edoardo Fernandez ma jaqa' taħt ebda waħda minn dawn il-persuni, bħal ma sejjer jingħad;

Mhux taħt dawk indikati taħt l-ittra (a), għaliex ma jirriżultax li hu twieled hawn Malta, jew li huwa malti naturalizzat, jew li huwa xi persuna li lilha ġew mogħtija d-drittijiet ta' ċittadinanza b'att tal-awtorità kompetenti;

Mhux taħt il-persuni ndikati taħt l-ittra *(b)*, għaliex, skond ma tgħid l-attriċi, hu qatt ma għamel daru permanentement hawn Malta, u meta xtaq li jsib impjeg hawn Malta, hu fissrilha illi, jekk jiġi Malta, ma jagħmelx hekk għal dejjem; u dan ifisser li hu ma kellux il-ħsieb li ... hawn Malta permanentement, ċjoè li jiffissa d-domiċilju tiegħu f'dawn il-Gżejjer, u l-preżenza tiegħu hawn Malta meta żżewweġ lill-attriċi kienet "quid facti", li hija ta' natura temporanea, mentri d-domiċilju huwa "quid juris" (art. 746 Kap. 15; Vol. XVII-III-60);

Mhux taħt il-persuni ndikati taħt l-ittra (ċ), għaliex il-kawża odjerna hija ta' natura ta' azzjoni personali, u mhux azzjoni diretta għal rivendika, jew rigwardanti xi proprjetà ta' ħwejjeġ li qegħdin hawn Malta (Vol. XXIV-I-1145);

Mhux taħt il-persuni ndikati taħt l-ittri (d) (e) (f), għaliex f'dawn it-tliet ipotesijiet hija essenzjalment rikjesta l-preżenza tal-konvenut, u l-imsemmi Edoardo Fernandez, kif tgħid l-istess attriċi, ilu assenti minn dawn il-Gżejjer xi disgħa snin;

Fl-aħħarnett, lanqas ma jaqa' taħt il-persuni ndikati taħt l-ittra (g), għaliex kwalunkwe sentenza favorevoli għall-attriċi ma tistgħax tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer, billi, kif tgħid l-istess attriċi, żewġha ma għandux, u ma jirriżultax li kellu fil-bidu tal-kawża, proprjetà jew ħwejjeġ oħra hawn Malta li fuqhom l-istess sentenza tista' tiġi eżegwita, u kwindi lanqas huwa biżżejjed il-fatt li s-sentenza tas-separazzjoni personali tkun tista' tiġi nskritta fir-Reġistru Pubbliku (Vol. XXXIX-II-749);

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata, billi jiġi dikjarat li din il-kawża taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u jiġu milqugħa d-domandi dedotti fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni f'dan l-appell hi biss jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża taħt il-paragrafu (g) tal-art. 743 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Infatti, hu terren komuni — u del resto ovvju — illi l-kawża preżenti ma tidħol taħt l-ebda wieħed ieħor mil-paragrafi mill-(a) sal-(f) inkluživament ta' dak l-artikolu, u lanqas taħt xi dispożizzjoni oħra speċjali magħmula mill-liġi għal dik li hija ġurisdizzjoni. It-teżi tal-attriċi hi biss illi għal din il-kawża hi applikabbli d-dispożizzjoni tal-imsemmi paragrafu (g), li tgħid illi l-Qrati ta' dawn il-Gżejjer għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċidu kawża li tirrigwarda "any person in regard to any obligation contracted in favour of one of Her Majesty's subjects, if the judgment can be enforced in these Islands";

Din hi kawża fejn l-attriċi qegħdha titlob (1) li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u l-konvenut Edoardo Fernandez, u li hi tiġi awtorizzata li tgħix separata minnu; (2) li l-konvenut jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli għall-każ; (3) li tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti; (4) u li l-kura tat-tfal komuni minuri tiġi affidata lilha;

L-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi din il-kawża ma taqgħax taħt l-imsemmi paragrafu (g), għaliex, fil-kliem tas-sentenza appellata, "kwalunkwe sentenza favorevoli għall-attriċi ma tistgħax tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer, billi, kif tgħid l-istess attriċi, żewġha ma għandux, u ma jirriżultax li kellu fil-bidu tal-kawża, proprjetà jew ħwejjeġ oħra hawn Malta li fuqhom l-istess sentenza tista' tiġi eżegwita, u kwindi lanqas huwa biżżejjed il-fatt illi s-sentenza tas-separazzjoni personali tkun tista' tiġi nskritta fir-Reġistru Publiku";

L-ilment tal-attriċi appellanti kontra l-konklużjoni hekk raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa illi, biżżwieġ tiegħu magħha, l-appellat assuma l-obligazzjonijiet kollha li l-liġi timponi fuq ir-raġel versu martu kif ukoll versu terzi persuni, u kull waħda mit-talbiet tagħha hawn fuq imsemmija, jekk akkolti bis-sentenza, hija kapaċi ta' eżekuzzjoni f'dawn il-Gżejjer indipendentement mill-fatt tal-eżistenza jew le ta' proprjetà tal-appellat fl-istess Gżejjer;

Fuq *il-fatti, in kwantu rilevanti għad-diskussjoni tal-kwistjoni preliminari hekk sollevata, ma hemm ebda kuntrast.* Iż-żwieġ bejn il-partijiet ġie ċelebrat hawn Malta fil-5 ta' Awissu 1945. L-appellanti twieldet hawn Malta, u kienet *mit-twelid, u għadha s'issa, ċittadina britannika,* kif l-avukati tal-partijiet qablu skond il-verbal fol. 40. L-appellat kien u jidher li għadu ċittadin taljan, u qatt ma kien u ma hux domiċiljat f'dawn il-Gżejjer, li fihom miż-żmien *taż-żwieġ l-hawn ġie biss u qagħad* għal perijodi relattivament qsar, u qatt bl-animu li jistabbilixxi hawnhekk id-domiċilju tiegħu. Minn ħafna snin l-appellat abbanduna lill-appellanti u ma ġiex iżjed Malta, u fil-bidu tal-kawża kien, u issa *wkoll jinsab, assenti minn dawn il-Gżejjer.* L-appellanti baqgħet dejjem u għadha s'issa tgħix Malta fejn jinsabu wkoll it-tliet itfal li twieldu miż-żwieġ;

Issa, *kif ġa prospettat fil-motivi* tal-appell, il-kwistjoni hi duplici, ċjoè, l-ewwelnett, jekk, trattandosi ta' kawża ta' separazzjoni personali, li prinċipalment hi kawża konċernenti l-istat tal-persuni, jistgħax jingħad, għall-finijiet tad-dispożizzjoni *tal-liġi in eżami, li hi tirrigwarda* "obligazzjoni kontratta" mill-appellat favur l-appellanti; it-tieninett, suppost illi r-risposta għal dan l-ewwel kweżit hi affermattiva, jekk jistgħax jingħad illi (dejjem għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni) *is-sentenza eventwali favur* l-appellanti "tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer";

L-ewwel indaġini ma tidherx li toffri diffikultà kbira. Certament, trattandosi *tal-kwistjoni preliminari* ta' ġurisdizzjoni, il-Qorti trid tħares lejn id-domandi kif magħmula fiċ-ċitazzjoni. Fil-każ preżenti, din iċ-ċitazzjoni tassumi evidentement illi ż-żwieġ ċelebrat, kif intqal, hawn Malta, hu, għal dawk *li huma l-effetti ċivili tiegħu kollha,* regolat mill-liġi ta' Malta, ankorkè l-appellat kien bniedem frustier domiċiljat barra minn Malta, u li qatt, verament, anqas iffissa r-residenza tiegħu f'dawn il-Gżejjer. Għall-finijiet tal-eżami tal-preżenti *kwistjoni din il-Qorti sejra* tipproċedi fuq dik il-bażi, mingħajr ma tippronunzja ruħha fuq dak l-assunt f'sens jew f'ieħor;

Kwantu għall-ewwel *kwistjoni, fil-ġurisprudenza* tagħna ġie ritenut bla ma fuq dan il-punt jidher li kien hemm dissens, illi l-kliem "obligazzjoni kontratta" ma jirriferux biss għall-obligazzjonijiet konvenzjonalment assunti b'kun-

tratt, iżda għal kull xorta ta' obligazzjoni, anki jekk naxxenti direttament mill-liġi. Din l-interpretazzjoni tidher li ġiet mogħtija l-ewwel darba fil-kawża "Annati vs. Dr. Sammut ne." (Kollez. Vol. X, p. 643), fejn intqal: "Sebbene la legge adopera la dizione 'obbligazione contratta con un suddito di Sua Maestà', non si manifestano particolari ragioni per restringerne il significato alle sole obbligazioni nascenti da contratto e non applicabile anche a quelle nascenti da legge...... La dizione 'contrarre un' obbligazione' è dalla legge applicata indistintamente, tanto riguardo alle obbligazioni convenzionali, quanto alle contratte senza contratto, sia per quasi contratto, per delitto, e quasi delitto";

Xi ħadd, forsi, seta' jiddubita illi l-kelma "obligazzjoni" wżata mill-liġi fil-kontest in eżami talludix biss għall-fattijiet li jirrigwardaw id-dritt tal-obbligazzjonijiet intis f'sens tekniku, għaliex jekk dik il-kelma kellha tiġi nterpretata f'sens għal kollox ġenerali, jista' jidħol fil-kamp tagħha d-dritt kollu in ġenerali, peress illi ma hemmx norma jew preċiża ġuridika li ma tistgħax, direttament jew indirettament, tagħti oriġini għal xi obligazzjoni. Iżda, kif ġa ntqal, il-Qrati Tagħha dejjem komplew isegwu d-dottrina fissata fis-sentenza "Annati vs. Dr. Sammut" fuq ċitata, kif jidher minn sentenzi numerużi sussegwenti, fosthom, biex jiġu msemmija x'uħud, dawk riportati fil-Kollezzjoni Vol. XVIII-II-179; XXIII-II-276; XXIX-II-1039; XXXII-II-302; XXXIX-II-752; P.A. "Carmelo Frendo vs. Dr. Cremona ne." 21.4. 1961, deċiża finalment fid-29 ta' Marzu 1962. Kif esprima ruħu l-Imħallef Paolo Debono fis-sentenza Vol. XIV, p. 26, "la parola 'obbligazione' è qui dalla legge usurpata per significare qualunque fatto lecito od illecito dal quale trae origine un vincolo giuridico. Convengono precisamente al caso le parole del Donello (lib. 17, cap. 14, no. 3) :— 'Placet in hac necessitate subeundae jurisdictionis contrahendo verbo omne factum intelligi debere unde obligatio oritur' ";

Mill-konċett hekk ġeneriku ta' "obbligazione" ma jidherx li hemm ebda raġuni biex jiġu esklużi r-rapporti ta' natura ċivili li jitnisslu bis-saħħa tal-liġi, is-somma taddmirijiet u drittijiet li jinħolqu bejn il-partijiet u quddiem id-dinja mill-istat taż-żwieġ. A propożitu tal-istess kelma wżata fl-art. 105 u 106 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Taljan antik (li ċertament jiddifferixxu mill-liġi tagħna, iżda limi-

tatament għal dan il-fini jixbħuha) il-Mattirolo qal:— "Non sembra si possa dubitare che la generica denominazione di *'obbligazione' si estenda a quelle che si riferiscono* allo stato della persona o ai rapporti famigliari" (Diritto Giudiziario Civile, Ed. 1902, Vol. I, § 996, p. 895);

L-azzjoni tal-appellanti, intiża biex timmodifika, per mezz ta' dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali, dawk ir-rapporti u tipproteġi nteressi tagħha derivanti mill-liġi, tissodisfa għalhekk, taħt l-aspett fuq imsemmi, l-ewwel rekwiżit meħtieġ mill-imsemmi paragrafu (g) tal-art. 743 fis-sens li, biex il-Qrati lokali jkollhom ġurisdizzjoni bis-saħħa tiegħu, *jeħtieġ li l-kawża tkun tirrigwarda obligazzjoni* kontratta a favur ta' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina bla ma jimporta jekk il-konvenut ikunx malti jew le, ikunx jew le domiċiljat jew residenti f'dawn il-Gżejjer, jew ikunx jew le preżenti fihom;

Ta' min jinnota illi loġikament dik id-dispożizzjoni, jekk jirrikorru l-kondizzjonijiet tagħha, tapplika mhux biss għall-azzjonijiet li (biex wieħed jissellef il-kliem tal-Pisanelli, li jidher approprjat) "tendono allo sviluppo naturale della obbligazione, *cioè al suo compimento, ma anche per* quelle che hanno uno scopo contrario, cioè la nullità o la risoluzione della obbligazione La legge non fa veruna distinzione tra queste varie maniere di azione", (p. 511). Vwoldiri illi jista' jkun hemm ġurisdizzjoni anki jekk l-azzjoni għandha bħala skop, mhux l-adempiment favur l-appellanti ta' obligazzjonijiet kontratti versu lejha, iżda a' ċ-ċaħda lill-appellat ta' drittijiet li għandu kontra l-attriċi derivanti mill-obligazzjonijiet reċiproċi li jidderivaw miżżwieġ;

Tibqa' t-tieni kwistjoni, li hi aktar diffiċli, u li dwarha hemm konflitt fil-ġurisprudenza tagħna; u l-Qorti għalhekk reġgħet studjatha bl-akbar reqqa, jiġifieri x'għandu jiftiehem bil-kliem li (biex il-Qrati Tagħna jkollhom ġurisdizzjoni taħt l-imsemmi paragrafu) jeħtieġ illi "is-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer";

Milli jidher, din il-parti tad-dispożizzjoni tal-liġi tagħna ġiet modellata fuq l-art. 15 tal-Kodiċi Naplitan, li kien jawtorizza lir-renjikolu jħarrek lill-frustier quddiem it-tribunal tal-Istat għall-obligazzjonijiet kontratti favur ir-ren-

jikolu, anki f'pajjiż strangier, "purchè gli effetti del giudicato potessero eseguirsi nel regno";

Din id-dispożizzjoni ta' dak il-kodiċi ġiet severament ċensurata minn xi awturi. "Strana condizione", ikkommenta Pisanelli, ġa ċitat, "che fa dipendere il principio del giudizio dal suo fine, e che ha gettata la giurisprudenza napoletana in una inestricabile confusione" (Commentario del Cod. di Proc. Civ. per gli Stati Sardi, Torino, 1853, Vol. I, P.I., p. 508, § CDLXVIII). L-istess komment, bl-istess kliem, hu riportat fit-trattat tal-Galdi "Commentario del Cod. di Proc. Civ. del Regno d'Italia", Vol. III, p. 315, § 395). Però, fil-fehma tal-Qorti, din il-kritika mhix hi stess inattakkabbli. Mill-punto di vista tal-effikaċja tal-ġudizzju, li f'tema ta' ġurisdizzjoni hi konsiderazzjoni tal-aqwa mportanza fis-sistemi kollha, il-kondizzjoni tal-possibbiltà tal-eżekuzzjoni tas-sentenza hi wisq iżjed prattikament utili minn ċerti kondizzjonijiet (per eżempju l-preżenza aċċidentali tal-konvenut, jew anki l-post tal-assunzjoni tal-obligazzjoni) kunsidrata suffiċjenti biex jirradikaw il-ġurisdizzjoni f'ipotesijiet oħra kontemplati mill-liġi. Bid-dispożizzjoni taħt eżami l-leġislatur ried jagħti l-protezzjoni tat-tribunali lokali liċ-ċittadini britanniċi għall-obligazzjonijiet kontratti favur tagħhom, kien fejn kien, u kien min kien l-obligat, u l-mezz biex dik il-protezzjoni tkun reali u effikaċi hu appuntu li s-sentenza ottenuta tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Id-diffikultà qegħdha fl-interpretazzjoni li għandha tingħata lil din il-kondizzjoni;

Kif ġa ntqal, il-ġurisprudenza tagħna fuq din il-kwistjoni ma hix kostanti u unanimi. Fis-sentenza elaborata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Ottubru 1955, fl-ismijiet kawża "Wells vs. Dr. Borg Olivier de Puget ne." (Vol. XXXIX-II-749), li kienet ukoll kawża ta' separazzjoni personali, hemm ġabra ta' ħafna sentenzi preċedenti, li ġew maqsuma f'żewġ listi, u dwarhom intqal:— "Mentri ħafna sentenzi tal-Qrati Tagħna affermaw li l-kliem 'meta s-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer' jimpurtaw in-neċessità tal-aċċertament fil-prinċipju tal-kawża, jekk u meta l-individwu jew persuna azzjonata tkun assenti, li jkunu jeżistu f'dawn il-Gżejjer beni jew sustanzi li fuqhom l-istess ġudikat jista' jiġi eżegwit, jew totalment jew anki

parzjalment, hemm xi oħrajn li rritenew illi, sabiex ġudikat *ikun jista' jiġi eżegwit* f'Malta, "il-liġi ma tirrikjedix neċessarjament li jkun hawn proprjetà f'Malta li fuqha tkun tista' tiġi eżegwita l-istess sentenza, l-għaliex kwalunkwe forma oħra ta' eżekuzzjoni hija suffiċjenti sabiex tiġi radikata l-kompetenza ġurisdizzjonali ta' dawn il-Qrati";

Il-kliem sottolineat hawn fuq juri bi kjarezza t-termini tal-kwistjoni in ġenerali, imma fil-fehma tal-Qorti forsi ma jirrappreżentax il-veru stat tal-ġurisprudenza fuqha;

*Certament*, hemm għadd kbir ta' sentenzi tal-Qrati Tagħna f'kawżi kontra frustieri assenti li affermaw il-ġurisdizzjoni lokali għaliex il-konvenut kellu beni jew proprjetà f'dawn il-Gżejjer, jew inkella nnegaw dik il-ġurisdizzjoni għaliex il-konvenut ma kellux beni jew proprjetà simili; iżda dan ma jfisserx illi dawk is-sentenzi kollha stabbilew bħala massima jew bħala prinċipju illi l-imsemmi paragrafu (g) jista' japplika biss meta s-sentenza tista' tiġi eżegwita fuq beni f'dawn il-Gżejjer, u, għall-kuntrarju, ma jista' jkun qatt applikabbli f'każijiet oħra. Infatti, il-maġġur *parti tagħhom kienu manifestament* u unikament konċernati mal-fatt tal-każ partikulari, fejn si trattava ta' azzjonijiet diretti għall-ħlas ta' flus, jew danni, eċċ. F'dawk il-każijiet kien naturali u inevitabbli illi l-kwistjoni tal-possibbiltà o meno tal-eżekuzzjoni f'dawn il-Gżejjer tiġi magħmula tiddependi esklużivament minn jekk il-konvenut kellux jew le proprjetà f'dawn il-Gżejjer. F'dawk il-każijiet, relattivament għax-xorta ta' azzjoni istitwita fihom, dak biss seta' jkun l-uniku mod possibbli u utili tal-eżekuzzjoni tas-sentenza. Hekk, per eżempju, kienu l-każijiet riportati fil-*Vol. X, 643*; *XXI-I-46*; XXI-III-79; XXIII-III-490; XXV-III-689; XXVIII-III-722; XXIX-III-350; XXX-III-350. Minn dawn is-sentenzi, u oħrajn bħalhom, ma jidherx li tista' tinġibed il-ġeneralizzazzjoni fis-sens illi tkun xi tkun l-azzjoni, anki jekk ma għandhiex bħala oġġett ħlas ta' flus jew interess pekunjarju realizzabbli fuq beni jew sustanzi tal-konvenut, hemm bżonn b'dan kollu, biex il-Qrati Tagħna jkollhom ġurisdizzjoni, li l-konvenut ikollu hawn beni jew proprjetà;

*Din il-Qorti taħseb illi anki f'xi sentenzi* oħrajn, fejn donnu jidher illi dik il-ġeneralizzazzjoni tidher li ġiet magħmula b'mod ta' norma ta' applikazzjoni ġenerali, fil-fatt il-

Qorti ma kienetx qegħdha ħlief tapplika d-dispożizzjoni tal-liġi għaċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ. Hekk, per eżempju, fis-sentenza *Vol. XIV, p. 26, fejn l-azzjoni kienet għar-*riżarċiment ta' danni. Ukoll fis-sentenza Vol. XVI-III-1, fejn intqal:— "Le ultime parole del testo citato, 'purchè la sentenza possa essere eseguità in queste isole', impongono una condizione senza la quale chiunque, nazionale o straniero, non può essere convenuto davanti ai tribunali delle isole maltesi, e in conseguenza impongono la necessità di accertare, nel principio della lite, se vi siano beni nell'Isola sopra i quali possa essere eseguito il giudicato. Nè gioverebbe dire che la legge paria di sola possibilità di eseguire *la sentenza, perchè siffatta possibilità viene meno dove* manca ogni mezzo di esecuzione sia sopra i beni, se il convenuto non ne possiede nell'Isola, sia sopra la persona, se egli neppure temporaneamente vi si trova";

Jista' jiġi osservat illi d-domanda kienet għar-rendiment ta' kont ta' operazzjonijiet kummerċjali, pre-ordinata, s'intendi, għall-ħlas tal-bilanċ, u kwindi tali li rigward tagħha l-eżistenza ta' proprjetà f'dawn il-Gżejjer (fl-assenza tal-konvenut) kienet l-uniku mod konċepibbli *li bih setgħet tiġi eżegwita s-sentenza;*

L-istess osservazzjoni l-Qorti tħoss li tista' ssir dwar is-sentenza Vol. XXVI-I-37. Hawn ukoll intqal b'termini ġeneriċi illi. "secondo la costante ġiurisprudenza di questi tribunali, l'inciso 7 dell'art. 749 Org. e Proc. Civ. venne interpretato nel senso che, perchè sia radicata la giurisdizione dei tribunali nostrali, occurre che al tempo della introduzione delle domande vi siano beni del convenuto forestiere, non domiciliato nè trovantesi in quest'Isola, su *cui sia certo che possa ricevere esecuzione il futuro giudi-*cato della Corte". Però, anki hawn l-azzjoni kienet għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' merkanzija, u s-sentenza għandha tinqara fid-dawl ta' "dak il-meritu", u mhux bħala regola tassattiva u valevoli għal kull xorta ta' azzjoni;

Jibqgħu s-sentenzi riportati fil-Vol. XXIV-I-857 u Vol. XXXII-II-164 fejn l-azzjoni kienet, fl-ewwel każ għad-dikjarazzjoni ta' paternità naturali u għall-kundanna tal-konvenut għas-somministrazzjoni tal-alimenti, u fit-tieni każ għall-kundanna *għall-ħlas ta' alimenti għal tifel il-*leġittimu rikonoxxut. Fiż-żewġ każijiet, il-Qorti ddikjarat

ruħha nkompetenti minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, għar-raġuni li l-konvenut ma kellux beni li fuqhom is-sentenza setgħet tiġi eżegwita;

Ikkunsidrat;

Jekk, non ostante dak li ġie rilevat, bażat fuq eżami u analisi li l-Qorti jidhrilha akkurata u raġjonevolment kompleta tal-ġurisprudenza ċitata, jingħad b'dan kollu illi biha ġiet stabbilita l-propożizzjoni ġenerali illi, għall-finijiet tal-paragrafu (g) tal-art 743, dak li jirradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna hu biss (fl-assenza tal-konvenut) l-eżistenza ta' proprjetà f'dawn il-Gżejjer, din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, ma tħossx li tista' taqbel magħha, u taqbel, minflok, mal-propożizzjoni l-oħra abbraċċjata wkoll f'xi sentenzi, illi l-eżekuzzjoni fuq il-proprjetà tal-konvenut (jew il-persuna tiegħu) mhix l-uniku mod ta' eżegwibbilità tas-sentenza, kontemplata mil-liġi f'dak il-paragrafu;

Ġa ġie msemmi aktar il-fuq illi l-kelma "obligazzjoni" fil-kontest taħt eżami għandha sinifikat ġeneriku, li jikkomprendi kull xorta ta' obligazzjonijiet. Ġie rilevat ukoll illi l-azzjoni eżerċitata dwar obligazzjoni jista' jkollha bħala skop mhux biss l-adempiment tagħha da parti tad-debitur, iżda wkoll il-liberazzjoni minnha da parti tal-attur. L-interpretazzjoni tal-paragrafu (g) fis-sens illi hi biss l-eżistenza ta' proprjetà tal-konvenut assenti f'dawn il-Gżejjer li tirradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna taħtu tirrestrinġi, fil-fehma tal-Qorti, bla raġuni, s-sens tal-kliem tal-liġi, u bla raġuni tillimita l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni għal kategorija waħda biss ta' obligazzjonijiet, ċjoè dawk li għandhom bħala oġġett prestazzjoni pekunjarja, peress illi għall-effettwazzjoni ta' dawn biss hi rilevanti l-kwistjoni jekk il-konvenut għandux proprjetà f'dawn il-Gżejjer li fuqha s-sentenza tista' tiġi eżegwita. Din il-limitazzjoni mhux biss, fil-fehma tal-Qorti, ma tidherx ġustifikata mit-test tal-liġi, iżda hi wkoll improvvida u konfliġġenti mal-ispiritu tad-dispożizzjoni, in kwantu li tissottrahi għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna, invokata minn sudditi tal-Maestà Tagħha, azzjonijiet kontra frustieri assenti għar-rigward tal-obligazzjonijiet li jistgħu jissortixxu effett utili u prattiku permezz ta' eżekuzzjoni tas-sentenza ndipendentement mill-fatt illi l-konvenut ma għandu ebda proprjetà f'dawn il-Gżejjer;

Din il-Qorti, għalhekk, taqbel ma' dak li ntqal, in linea ta' prinċipju, fis-sentenza riportata fil-Vol. XXIX-II-1034 u XXXII-II-302, fis-sens illi "il-liġi ma tirrikjedix illi, biex is-sentenza tista' titqies eżegwibbli f'dawn il-Gżejjer, hemm bżonn li jkun hemm proprjetà hawn Malta tal-konvenut", u ma' dak li ukoll intqal fis-sentenza *tal-Prim'Awla* tal-21 ta' April 1961, in re "Carmelo Frendo vs. Dr. Cremona ne.", fis-sens illi "rigward l-eżekuzzjoni tas-sentenza l-liġi ma għamlet ebda limitazzjoni, u għalhekk għandu jiftiehem illi kull forma ta' eżekuzzjoni hija biżżejjed biex tissoddisfa l-liġi". S'intendi, għad illi "kull" mod ta' eżekuzzjoni hu suffiċjenti, u l-liġi ma ssemmix il-proprjetà (kif ġie rilevat fis-sentenza ta' prima istanza riportata fil-Vol. XXXVII-I-401, konfermata minn din il-Qorti), jeħtieġ illi l-eżekuzzjoni tista' ssir b'manjiera reali u konkreta, u mhux sempliċement eventwali u ipotetika;

Il-liġi, fil-waqt illi bid-dispożizzjoni in eżami riedet tagħti ċertu trattament ta' *favur lis-sudditi tal-Maestà Tagħha* billi tipprestalhom il-protezzjoni tal-Qrati lokali għall-interessi li jidderivawlhom minn obligazzjonijiet kontratti versu lejhom anki minn frustieri assenti, ma riedetx manifestament tawtorizza ġudizzji inutili. Għalhekk ikkondizzjonat din il-ġurisdizzjoni għall-possibbiltà (reali) tal-eżekuzzjoni tas-sentenza; eżiġiet, ċjoè, illi l-ġudizzju ma jkunx mera *forma* priva minn kull possibbiltà ta' effettwazzjoni prattika u konkreta, iżda kapaċi ta' riżultament effikaċi realizzabbli f'dawn il-Gżejjer. Ma hemmx dubju, naturalment, illi l-eżekuzzjoni l-aktar ovvja u dik li aktarx tirrikorri l-aktar frekwentement hi l-eżekuzzjoni fuq il-proprjetà jew fuq il-persuna bil-mezzi kontemplati fl-art. 274 *tal-Kodiċi* ta' Proċedura Ċivili. Iżda, kif ġa ntqal, dawk ma humiex l-uniċi modi li fihom sentenza tista', għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni, titqies eżegwibbli, ċjoè li tista' tiġi "effettwata" u tagħti "realizzazzjoni effikaċi" f'dawn il-Gżejjer;

Id-diffikultà kbira u reali li l-Qorti ma tistgħax taħbi jew *tinjora*, *hi illi* jingħad, fl-astratt, "meta s-sentenza *hi* eżegwibbli f'dan is-sens b'dawk il-modi l-oħra." Kull każ irid jiġi studjat u deċis għalieh fiċ-ċirkustanzi partikulari tiegħu. Ċerti sentenzi huma kapaċi ta' grad akbar ta' eżekuzzjoni minn oħrajn. Xi sentenzi oħra ma huma kapaċi ta' ebda vera eżekuzzjoni. Però hemm oħrajn li jistgħu

jiġu eżegwiti ankorkè l-konvenut ma għandu ebda proprjetà hawn Malta. Eżempju ta' sentenza li ġiet kunsidrata eżegwibbli hawn Malta fis-sens fuq spjegat hi dik riportata fil-Vol. XVIII-II-179. Id-domanda kienet biex il-konvenuta (frustiera u assenti) tiġi dikjarata dekaduta middritt li tikkonsegwixxi sussidju matrimonjali minħabba li ma kienetx ottemperat ruħha mal-kondizzjoni li tiżżewweġ. Il-Qorti affermat il-ġurisdizzjoni tagħha — bla ma jidher li rriċerkat jekk il-konvenuta kellhiex jew le proprjetà hawn Malta — peress illi bid-dekadenza tal-konvenuta kien ikun hemm lok għal elezzjoni ġdida għal-legat li minnha l-attriċi kienet tkun tista' tibbenefika; dan ġie kunsidrat suffiċjenti biex jista' jingħad illi "la sentenza da pronunziarsi sulla domanda dell'attrice...... possa essere eseguita in queste Isole";

Issa, fil-kawża preżenti, id-domandi huma biex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u l-appellanti tiġi awtorizzata li tgħix separata mill-appellat, li l-appellat jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, sa fejn applikabbli, li tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, u li l-kura tat-tfal minuri tiġi fdata lill-appellanti;

Kieku l-uniku effett realizzabbli f'dawn il-Gżejjer li jista' joħroġ mis-sentenza li tingħata f'din il-kawża kien dak biss illi s-sentenza tista' tiġi nskritta fir-Reġistru Publiku, din il-Qorti kienet taqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti illi dan ma kienx ikun biżżejjed biex il-Qrati Tagħna kien ikollhom ġurisdizzjoni. Għad illi, ċertament, l-inskrizzjoni tas-sentenza tas-separazzjoni personali fir-Reġistru Publiku jista' jkollha ċerti konsegwenzi fir-rappporti mat-terzi (art. 56(2) Kod. Ċiv.), dik l-inskrizzjoni mhijiex, fil-fehma ta' din il-Qorti, forma jew mod tal-eżekuzzjoni ta' dik issentenza; iżda, apparti minn kull reġistrazzjoni, kull waħda mid-domandi tal-appellanti hawn fuq imsemmija jista' jkollha effett prattiku u vera eżekuzzjoni jew effettwazzjoni effikaċi f'dawn il-Gżejjer; u dan non ostanti illi l-appellat ma għandu ebda sustanzi jew beni hawn Malta. Ġa ntqal, fir-reċitazzjoni tal-fatti, illi l-appellanti toqgħod hawn Malta, u bl-akkoljiment tal-ewwel talba, jekk l-azzjoni tagħha tiġi eventwalment akkolta, hi tkun tista' "legalment" tgħix separata mill-appellat, b'mod illi id-dar tkun tagħha, u l-appellat jista', okkorrendo, jiġi ġudizzjar-

jament impedut l-aċċess għaliha. Dan jista' jkun importanti fl-interess ta' mara abbandunata nġustament minn żewġha li jkollha, għall-bżonn, il-protezzjoni tal-Qrati minn "unwelcome visits", kif intqal f'sentenza ngliża (Perin v. Perin (1914) P. 135) ta' żewġha, li meta jgħoġbu jista' jagħmlilha fid-dar tagħha;

Forsi anki aktar ċara hi l-possibbiltà tal-effettwazzjoni u eżekuzzjoni tad-domanda għall-kustodja tat-tfal. Dawn għexu dejjem Malta u jinsabu fl-isfera lokali talġurisdizzjoni tal-Qrati, u l-ordnijiet tal-Qorti dwarhom huma manifestament eżegwibbli minn dawn il-Qrati;

Similment effikaċi hawn Malta, u kwindi "eżegwibbli", hi t-talba għad-dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Bis-saħħa tagħha, l-akkwisti li l-appellanti tagħmel bix-xogħol jew l-industrija tagħha jibqgħu tagħha. Sakemm is-separazzjoni ma tiġix dikjarata, u din id-domanda akkolta, l-appellat, kull meta jfettillu, jista' jafferma l-pożizzjoni tiegħu ta' kap tal-komunjoni u għandu sehem mill-akkwisti li tagħmel martu, għalkemm jista' jkun indenn għax abbandunaha u qatt ma mantna lill-martu u lill-uliedu. Jista' wkoll kull meta jrid jippretendi li jamministra xi ġid hawn Malta, li l-appellanti qalet li għandha mill-wirt ta' zijitha (fol. 27), li l-frott tiegħu jaqa' fl-akkwisti. Bis-sentenza tal-Qorti, jekk favorevoli għall-appellanti, dan l-interess tagħha jiġi effikaċement salvagwardat u effettwat;

Anki d-domanda l-oħra għad-dekadenza tal-appellat mid-drittijiet li jista' għandu skond l-art. 56 u 58 tista' tagħti riżultament utili u realizzabbli effikaċement f'dawn il-Gżejjer, tant immedjatament (għar-rigward ta' xi akkwisti li l-appellanti setgħet għamlet matul iż-żwieġ), kemm fil-każ ta' premorjenza tagħha għall-appellat;

Dan kollu, oltre mil-liberazzjoni effettiva mis-soġġezzjonijiet u nkapaċitajiet li l-appellanti issa għandha fil-konfront tal-appellat bħala martu, u li bis-sentenza tas-separazzjoni fuq ħtija tiegħu, jekk mogħtija, l-appellanti effettivament tiġi liberata minnhom hawn Malta, fejn tgħix. Skond l-art. 65, l-appellanti takkwista l-kapaċità ġudizzjarja quddiem il-Qrati Tagħna id-dritt li tamministra l-ġid parafernali tagħha li għandha hawn Malta, u li

tiddisponi minnu mingħajr il-kunsens jew l-awtorità tal-appellat, apparti milli tiġi liberata wkoll mill-obligu, għall-bżonn, ta' manteniment lejn żewġha;

Għal dawn l-effetti kollha tas-sentenza, reali u konkreti, u realizzabbli hawn Malta, in-nuqqas tal-eżistenza ta' beni tal-konvenut f'dawn il-Gżejjer hu rrilevanti u mhux neċessarju;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara illi din il-kawża taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta, u li kwindi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet kompetenti biex tieħu konjizzjoni tagħha u tiddeċidiha, u tordna li l-atti jiġu rinvijati lil dik l-Onorabbli Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tagħha skond il-liġi. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.